# Marċi mill-Arkivji tal-Banda Prekursur, Xewkija "MARIA" Mro. Anthony Borg.

**John B. Camilleri - P.R.O.**

Kien fl-Lulju tas-sena 1997, li is-Surmast Anthony Borg, ġie maħtur Surmast Direttur ta' Banda Prekursur tax-Xewkija Għawdex. Is-Surmast Borg, ġie milqugħ ħafna mill-bandisti, soċi, u ix-Xewkin kollha, u bir-raġun. Is-Surmast Borg, kien diġa midħla tal-poplu tax-Xewkija. Kien ilu għalliem ta' l-aljievi tal-banda Prekursur, sa min Marzu 1994. Ta' kull sena is-Surmast Borg, jirregala lis-Soċjeta` Filarmonika Prekursur, xi marċ brijuż mir-ripertorju tiegħu. Kienet riesqa is-sena tal-millenju ġdid. Għal din is-sena Partikolari, is-Surmast Borg, ħaseb biex jirregala lis-Socjeta` Filarmonika Prekusur, wieħed mill-isbaħ marċi li ħarġu mill-pinna mużikali tiegħu. L-isem oriġinali ta' dan il-marċ huwa MARIA. Is-Surmast Borg, kiteb dan il-marċ bejn l995/96. Taħ l-isem tant ħlejju, sabiħ u popolari ta' MARIA. Maria hawn l-isem ta' l-ewwel tarbija mwielda għal-familja Borg.

Jekk l-isem Maria huwa tant sabiħ, nhux inqas hija l-mużika li biha huwa mirqum dan il-marċ. Is-Surmast Borg kiteb diversi marċi oħra tant sbieħ, imma jkolli nistqarr, li il-marċ Maria għalija huwa wieħed mill-isbaħ, jekk mhux l-isbaħ tas-Surmast Anthony Borg. Tip ta' marċ li meta tisimgħu l-ewwel darba, iġagħlek terġa' tisimgħu. F'kelma waħda xeraq ħafna għal-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġwann Battista, fis-sena tal-millenju.

Il-marċ Maria, indaqq għall-ewwel darba mill-Banda Imperial tal-Mellieħa li tagħha Anthony Borg, huwa Surmast Direttur, fis-sena l998. Kienet is-sena 2000, li l-Banda Prekursur, daqqet dan il-marċ għall-ewwel darba fil-festi ta' San Ġwann Battista. Insibu rrekordjat fuq CD album Banda Prekursur Xewkija Marci brijuzi, 2000.

Fl-għeluq il-ħmistax-il sena ta' meta s-Sur Anthony Borg, inħatar Surmast Diretttur tal-Banda Prekursur, huwa ferm xieraq li nagħta ftit tagħrif dwar il-marċ bl-isem ta' MARIA.

